Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Marzu 2026**
**(OR. en)**

**7530/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0073 (NLE)**

**MAR 33**
**OMI 10**
**ENV 259**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 19 ta' Marzu 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 127 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul l-84 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) u matul il-111-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 1994, (il-Kodiċi HSC tal-1994), tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 2000, (il-Kodiċi HSC tal-2000), tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA), u tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 127 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 127 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.3.2026
COM(2026) 127 final

2026/0073 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul l-84 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) u matul il-111-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 1994, (il-Kodiċi HSC tal-1994), tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 2000, (il-Kodiċi HSC tal-2000), tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA), u tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988)**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-84 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC, Marine Protection Environment Committee 84) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li se ssir mis-27 ta' April sal-1 ta' Mejju 2026 u fil-111-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC, Maritime Safety Committee 111) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li se ssir mit-13 sat-22 ta' Mejju 2026.

Matul l-84 sessjoni tiegħu, huwa previst li l-MEPC jadotta emendi tal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL, International Convention for the Prevention of Pollution from Ships).

Matul il-111-il sessjoni tiegħu, huwa previst li l-MSC jadotta emendi:

(a) tal-kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS, International Convention for the Safety of Life at Sea), 1974,

(b) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 (HSC, High-Speed Craft) (il-Kodiċi HSC tal-1994),

(c) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000 (il-Kodiċi HSC tal-2000),

(d) tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP, Enhanced Survey Programme tal-2011),

(e) tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA, Life-Saving Appliance),

(f) tal-Anness B tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988).

## 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, il-Konvenzjoni MARPOL u l-Konvenzjoni SOLAS

Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tistabbilixxi l-OMI. L-għan tal-OMI hu li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni u tal-prattiki relatati mal-kwistjonijiet tekniċi ta' kull tip li jaffettwaw it-tbaħħir involut fil-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, għandha l-għan li tħeġġeġ l-adozzjoni ġenerali tal-aqwa standards prattikabbli fil-kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sikurezza marittima, l-effiċjenza tan-navigazzjoni u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, filwaqt li tippromwovi kundizzjonijiet ekwi. Tittratta wkoll il-kwistjonijiet amministrattivi u legali relatati.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni. L-Unjoni mhijiex parti għall-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri li ġiet konkluża fl-1973 (il-Konvenzjoni MARPOL) hija Konvenzjoni tal-OMI, li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Ottubru 1983. L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-MARPOL u 25 Stat Membru huma

wkoll partijiet għall-Anness VI[1], li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Mejju 2005. L-Unjoni mhijiex parti għall-MARPOL.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar ("SOLAS") tal-1974, li daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 1980. L-Unjoni ma hijiex parti għas-SOLAS.

## 2.2. Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali

L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u għas-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri. Hija l-awtorità li tistabbilixxi l-istandards globali għas-sikurezza, għas-sigurtà u għall-prestazzjoni ambjentali tat-tbaħħir internazzjonali. Ir-rwol prinċipali tagħha huwa li toħloq qafas regolatorju għall-industrija tat-tbaħħir li jkun ġust u effettiv, u li dan jiġi adottat u implimentat b'mod universali.

Is-sħubija fl-OMI hija miftuħa biss għall-Istati. L-Istati Membri tal-UE kollha huma membri tal-OMI. Għalkemm l-UE ma hijiex membru, illum ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea mal-OMI huma bbażati fuq ir-Riżoluzzjoni A.1168(32) tal-OMI li tippreskrivi l-proċeduri u t-termini għall-kooperazzjoni bejn l-OMI u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi. Abbażi ta' din ir-Riżoluzzjoni tal-OMI u arranġamenti ulterjuri mill-1974, il-Kummissjoni Ewropea qed tipparteċipa bħala osservatur fil-laqgħat kollha tal-Kumitat u tas-Sottokumitat tal-OMI.

Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC) tal-OMI huwa magħmul mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Dan jindirizza kwistjonijiet ambjentali li jaqgħu fl-ambitu tal-Organizzazzjoni fir-rigward tal-kontroll u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-vapuri koperti mit-trattat ta' MARPOL, inkluż iż-żejt, il-kimiki li jinġarru bl-ingrossa, id-dranaġġ, l-iskart u l-emissjonijiet fl-arja mill-vapuri, inkluż is-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Kwistjonijiet oħrajn koperti jinkludu l-ġestjoni tal-ilma tas-saborra, is-sistemi tal-antifouling, ir-riċiklaġġ tal-vapuri, l-istat ta' preparazzjoni u ta' rispons għat-tniġġis, u l-identifikazzjoni ta' żoni speċjali u ta' żoni tal-baħar li huma partikolarment sensittivi.

Skont l-Artikolu 38(a) tal-Konvenzjoni tal-OMI, il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar iwettaq kwalunkwe dmir assenjat lilu mill-Konvenzjoni tal-OMI, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew kwalunkwe dmir fl-ambitu msemmi hawn fuq li jista' jiġi assenjat lilhom minn jew skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u li jista' jiġi aċċettat mill-OMI. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tal-korpi sussidjarji tiegħu jiġu adottati minn maġġoranza tal-Membri tagħhom.

Il-MEPC 84 se jadotta emendi tal-MARPOL f'konformità mal-Artikolu 16, il-paragrafu (2), is-subpunti (b), (c) u (d) tal-Konvenzjoni.

Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC) tal-OMI huwa magħmul mill-Membri kollha tal-OMI u jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena. Dan jittratta kwalunkwe kwistjoni fl-ambitu tal-Organizzazzjoni relatata mal-għajnuniet għan-navigazzjoni, mal-kostruzzjoni u mat-tagħmir tal-bastimenti, mal-persunal mil-lat ta' sikurezza, mar-regoli għall-prevenzjoni ta' kolliżjonijiet, mal-ġarr ta' merkanzija perikoluża, mal-proċeduri u mar-rekwiżiti tas-sikurezza marittima, mal-informazzjoni idrografika, mal-ġurnali ta' abbord u mar-reġistri tan-navigazzjoni, mal-investigazzjoni ta' diżgrazzji marittimi, mal-għoti tal-għajnuna u mas-salvataġġ, u ma' kwalunkwe kwistjoni oħra li taffettwa direttament is-sikurezza marittima.

[1] L-Awstrija u l-Ungerija għadhom ma rratifikawx l-Anness VI tal-MARPOL.

Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni tal-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI jipprovdi mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilu mill-Konvenzjoni tal-OMI, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew ta' kwalunkwe dmir fl-ambitu msemmi hawn fuq li jista' jiġi assenjat lilu minn jew skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u aċċettat mill-OMI. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, u tal-korpi sussidjarji tiegħu, huma adottati b'maġġoranza tal-Membri tagħhom.

L-MSC 111 se jadotta emendi f'konformità mal-Artikolu VIII(b)(iv) tal-Konvenzjoni SOLAS u mal-Artikolu VI(2)(d) tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988.

## 2.3. Att previst tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI

Matul l-84 sessjoni tiegħu, il-MEPC għandu jadotta emendi tal-Anness VI tal-MARPOL dwar:

– id-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala Żona ġdida ta' Kontroll tal-Emissjonijiet (ECA, Emission Control Area) (ir-regolamenti 13 u 14 u l-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL);

– l-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra (GHG, Greenhouse Gases) fuq terminu qasir (ir-regolamenti 20, 25, 27 u 28).

Dawn l-emendi kienu mistennija li jiġu adottati matul it-tieni sessjoni straordinarja tal-MEPC li saret bejn l-14 u s-17 ta' Ottubru 2025.

Fit-tħejjija tal-MEPC/ES.2, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2025/2093 tal-10 ta' Ottubru 2025 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fit-tieni sessjoni straordinarja tiegħu dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) ([2]).

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2025/2093, il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MEPC/ES.2 kienet li taqbel mal-adozzjoni ta':

(a) l-emendi tar-regolamenti 13 u 14 u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL dwar id-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet ġdida (ECA),

(b) l-emendi tar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (IMO DCS), u

(c) l-introduzzjoni tal-kapitolu 5 il-ġdid tal-Anness VI tal-MARPOL dwar il-Qafas tal-Emissjonijiet Żero Netti tal-OMI.

Peress li l-laqgħa tal-MEPC/ES.2 tmexxiet b'sena, l-IMO bagħtet l-emendi msemmija hawn fuq għall-Anness VI tal-MARPOL taħt il-punti (a) u (b) lill-MEPC għall-adozzjoni fl-84 sessjoni tiegħu. Għal dan l-għan, qed titressaq din il-proposta.

B'mod parallel, l-adozzjoni tal-Kapitolu 5 il-ġdid tal-Anness VI tal-MARPOL dwar il-Qafas ta' Emissjonijiet Żero Netti tal-OMI taħt il-punt (c) ġiet posposta flimkien mal-MEPC/ES.2.

---

[2] ĠU L, 2025/2093, 16.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2093/oj

### 2.4. L-att previst tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI

Matul il-111-il sessjoni tiegħu, l-MSC għandu jadotta emendi:

(a) tal-kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS, International Convention for the Safety of Life at Sea), 1974,

(b) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 (HSC, High-Speed Craft) (il-Kodiċi HSC tal-1994),

(c) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000 (il-Kodiċi HSC tal-2000),

(d) tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP, Enhanced Survey Programme tal-2011),

(e) tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA, Life-Saving Appliance),

(f) tal-Anness B tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988).

## 3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI FIL-MEPC 84

**3.1.** Emendi tar-regolamenti 13 u 14 u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL

L-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, flimkien mar-Renju Unit, l-Iżlanda, id-Danimarka (Greenland), il-Gżejjer Faeroe ssottomettew dokument lill-MEPC 83, li jipproponi li l-Oċean Atlantiku tal-Grigal jiġi ddeżinjat bħala Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit, il-materja partikolata u l-ossidi tan-nitroġenu, skont l-Anness VI tal-MARPOL. Il-Kummissjoni qed tieħu sehem attiv fil-ħidma preparatorja flimkien mal-istati littorali taħt il-koordinazzjoni tad-delegazzjoni tal-Portugall.

Il-Grupp Tekniku dwar id-Deżinjazzjoni ta' Żoni tal-Baħar Partikolari Sensittivi (PSSAs, Particular Sensitive Sea Areas) u Żoni Speċjali kien iddetermina li l-ECA proposta tissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Appendiċi III tal-Anness VI tal-MARPOL. Wara li nnota l-eżitu tal-grupp tekniku, il-MEPC 83 approva d-deżinjazzjoni ta' ECA għall-kontroll tal-ossidi tal-kubrit (SOx, sulphur oxide), tal-materja partikolata (PM, particulate matter) u tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx, nitrogen oxide), għall-Oċean Atlantiku tal-Grigal bil-għan li din tiġi adottata fis-sessjoni li jmiss tal-MEPC. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5085 tal-24 ta' Ottubru 2025.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-proposta stabbilita fl-abbozz rivedut tal-emendi biex l-Oċean Atlantiku tal-Grigal jiġi ddeżinjat bħala Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit, għall-materja partikolata u għall-ossidi tan-nitroġenu, skont l-Anness VI tal-MARPOL, minħabba li din se tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, għat-tnaqqis u għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' $NO_x$, $SO_x$ u PM mill-vapuri biex jinkisbu benefiċċji relatati għas-saħħa u għall-ambjent filwaqt li l-impatt ekonomiku għas-settur marittimu jinżamm maniġġabbli.

**3.2.** Emendi tar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL

Il-MEPC 82 kien stabbilixxa l-Grupp ta' Korrispondenza dwar ir-rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir, taħt il-koordinazzjoni konġunta tal-Brażil, il-Ġappun u l-Kummissjoni Ewropea.

Fl-ewwel laqgħa tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Intersessjonali dwar it-Tniġġis tal-Arja u l-Effiċjenza Enerġetika (ISWG-APEE 1, Intersessional Working Group on Air Pollution and Energy Efficiency) qies fost suġġetti oħra l-aċċessibbiltà tad-data tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) għall-analiżi u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura għat-tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir.

Fir-rigward tal-aċċessibbiltà tad-data tad-DCS tal-OMI, l-ISWG-APEE 1 qies ir-rapport tal-Grupp ta' Korrispondenza, li kien qabel li jtejjeb l-aċċessibbiltà tad-data tad-DCS tal-OMI fil-Fażi 1. Wara kunsiderazzjoni, il-Grupp ħejja abbozz ta' emendi għar-regolament 27 tal-Anness VI tal-MARPOL.

Il-MEPC 83 ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma tal-APEE, fost l-oħrajn, biex jiffinalizza l-abbozzi ta' emendi għall-Anness VI tal-MARPOL u l-linji gwida assoċjati dwar l-aċċessibbiltà tad-DCS tal-OMI.

Wara li nnota li l-Grupp ta' Ħidma kien qies ukoll l-abbozz ta' emendi tar-regolament 27 tal-Anness VI tal-MARPOL u tal-linji gwida assoċjati dwar l-aċċessibbiltà tad-DCS tal-OMI mħejjija mill-ISWG-APEE 1, il-MEPC 83 approva l-abbozz ta' emendi tar-regolament 27 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-aċċessibbiltà tad-DCS tal-OMI, bil-ħsieb li jiġu adottati fis-sessjoni li jmiss tal-MEPC. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5005 tal-11 ta' April 2025.

L-Unjoni ssottomettiet proposta dwar il-kwistjoni (ISWG-GHG 13/7), fejn talbet li tiġi emendata s-Sistema tal-Ġbir tad-Data (DCS, Data Collection System) relatata mal-granularità tad-data, id-data addizzjonali u l-aċċessibbiltà. L-abbozzi tal-emendi huma koerenti mal-ISWG-GHG 13/7 fir-rigward taż-żieda fl-aċċessibbiltà.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ISWG-APEE 1 u l-MEPC 83 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi għar-regolament 27.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li se jkomplu jtejbu l-aċċessibbiltà tad-data tad-DCS tal-OMI biex jiżguraw l-implimentazzjoni robusta tal-qafas tal-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII, Carbon Intensity Indicator) u biex jiffaċilitaw ir-rieżami tiegħu.

Fir-rigward tal-klawżoli dwar ir-rieżami tal-miżura fuq terminu qasir, l-ISWG-APEE 1 ipprepara abbozz ta' emendi għar-Regolamenti 20, 25 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL, filwaqt li uża bħala bażi l-anness tad-dokument MEPC 83/6/11, ippreparat mill-Grupp ta' Korrispondenza dwar aġġornament tar-referenza għall-Istrateġija tal-OMI u dwar ir-Rieżami tal-Miżura ta' Tnaqqis tal-Gassijiet Serra fuq Terminu Qasir.

Il-MEPC 83 approva l-abbozz ta' emendi tar-regolamenti 20, 25 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL bil-ħsieb li jiġu adottati fis-sessjoni li jmiss tal-MEPC. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5085 tal-24 ta' Ottubru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-ISWG-APEE 1 u l-MEPC 83 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi kif ġew ippreżentati fil-MEPC 83/6/11.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li huma konsegwenzjali għall-adozzjoni tal-Istrateġija tal-OMI dwar il-gassijiet serra tal-2023 u għall-finalizzazzjoni tar-rieżami tal-Miżuri fuq Terminu Qasir mill-OMI u tippermetti rieżami ulterjuri ta' dawn ir-regolamenti.

## 4. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI FIL-MSC 111

### 4.1. Emendi tal-Kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tas-SOLAS u emendi tal-Kodiċi HSC tal-1994 u tal-Kodiċi HSC tal-2000

L-MSC 103 kien assenja lis-Sottokumitat dwar in-Navigazzjoni, il-Komunikazzjonijiet u t-Tiftix u s-Salvataġġ (NCSR, Navigation, Communications and Search and Rescue) il-ħidma dwar l-iżvilupp ta' emendi tal-Kapitoli IV u V tas-SOLAS u ta' standards u linji gwida tal-prestazzjoni biex tiġi introdotta sistema ta' skambju ta' data bi Frekwenza Għolja Ħafna (VHF, Very High Frequency) (VDES, Very High Frequency data exchange system).

L-NCSR 10 beda jiddiskuti din il-ħidma billi qies jekk is-Sottokumitat jenħtieġx iqis l-introduzzjoni ta' VDES fil-Kapitolu IV tas-SOLAS, minbarra l-Kapitolu V tas-SOLAS. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet li tappoġġa li filwaqt li s-Sottokumitat jipprijoritizza l-introduzzjoni ta' VDES fil-Kapitolu V tas-SOLAS, kien importanti li titqies ukoll l-introduzzjoni tal-VDES fil-Kapitolu IV tas-SOLAS.

Is-Sottokumitat qabel li jistabbilixxi grupp ta' korrispondenza, taħt il-koordinazzjoni tal-Ġappun, bil-ħsieb li jwettaq analiżi teknika, regolatorja u operazzjonali tal-VDES, inkluż il-komponent ta' komunikazzjoni tagħha u l-kostijiet assoċjati, biex jiżviluppa l-abbozzi ta' standards ta' prestazzjoni meħtieġa u l-abbozzi ta' emendi tal-Kapitoli IV u V tas-SOLAS, kif ukoll biex jidentifika kwalunkwe emenda konsegwenzjali ta' strumenti oħra.

L-NCSR 11 kompla jiddiskuti jekk u kif għandha tiġi inkluża l-VDES fil-Kapitoli IV u V tas-SOLAS, filwaqt li qiesu l-għażliet żviluppati mill-Grupp ta' Korrispondenza. L-NCSR 11 stabbilixxa mill-ġdid il-Grupp ta' Korrispondenza dwar is-Sistema ta' Skambju ta' Data bil-VHF (VDES), taħt il-koordinazzjoni tal-Ġappun, bil-għan li jiġu ffinalizzati l-abbozzi ta' emendi tas-SOLAS, inklużi emendi konsegwenzjali. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-NCSR 11 kienet li tappoġġa l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma dwar in-Navigazzjoni biex ikompli jiddiskuti l-emendi tas-SOLAS u li tappoġġa l-istabbiliment mill-ġdid tal-grupp ta' korrispondenza biex ikompli l-ħidma meħtieġa fis-sessjonijiet.

L-NSCR 12 qies ir-rapport tal-Grupp ta' korrispondenza dwar l-abbozzi ta' emendi tas-SOLAS, inklużi wkoll emendi konsegwenzjali ta' strumenti obbligatorji u mhux obbligatorji u qabel li jgħaddi din il-ħidma lil Grupp ta' Ħidma bil-ħsieb li din il-ħidma tiġi ffinalizzata. Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma, is-Sottokumitat qabel mal-abbozz ta' emendi tal-Kapitolu V u tal-appendiċi tas-SOLAS. Is-Sottokumitat qabel ukoll mal-abbozzi ta' emendi konsegwenzjali tal-Kodiċijiet HSC tal-1994 u tal-2000. Wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-approvazzjoni tal-abbozzi ta' emendi tas-SOLAS imsemmija hawn fuq, is-Sottokumitat qabel li jistieden lill-MSC 110 biex japprovahom, bħala kwistjoni urġenti, bil-għan li jiġu adottati mill-MSC 111 u jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-NCSR 12 kienet li tappoġġa l-ħidma tal-Grupp ta' Korrispondenza u li tipproponi li r-rapport tagħha jiġi riferut lil Grupp ta' Ħidma għal aktar kunsiderazzjoni.

L-MSC 110 approva l-abbozz ta' emendi tal-kapitolu V u tal-appendiċi tas-SOLAS biex tiġi introdotta s-Sistema ta' Skambju ta' Data bil-VHF (VDES), bil-għan li jiġu adottati sussegwentement fl-MSC 111. Il-Kumitat approva wkoll l-abbozzi ta' emendi konsegwenzjali relatati tal-Kodiċijiet tal-HSC tal-1994 u tal-2000, bil-għan li jiġu adottati sussegwentement fl-MSC 111, f'konformità mal-abbozzi ta' emendi tas-SOLAS imsemmija hawn fuq. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5063 tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li huwa aktar effiċjenti li jintużaw mezzi ddedikati għall-messaġġ speċifiku għall-applikazzjoni (ASM, application specific

message) tal-VDES u l-VDES għandha kapaċità addizzjonali għall-iskambju ta' aktar data diġitali u għalhekk, tista' takkomoda ż-żieda futura fid-domanda għall-użu ta' data diġitali fir-radjukomunikazzjoni marittima. Barra minn hekk, l-iskambju ta' data diġitali jġib bosta benefiċċji mhux biss għas-sikurezza u l-għarfien tas-sitwazzjoni iżda wkoll għas-sigurtà, l-effiċjenza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u t-tnaqqis tal-piż tal-baħħara. Il-VDES tipprovdi titjib sinifikanti għall-benefiċċji miksuba permezz tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS, automatic identification system) u hija meqjusa faċilitatur tan-navigazzjoni elettronika. Il-kapaċità ta' skambju ta' ASM u informazzjoni oħra bejn il-bastimenti u l-awtoritajiet tax-xatt titjieb b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni ta' VDES.

Fir-rigward tal-emendi tar-regolamenti IV/5, V/4 u V/5 tas-SOLAS, l-NCSR 12 innota l-kunsiderazzjonijiet tal-Grupp Konġunt ta' Esperti tal-OMI/UIT (l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni) dwar l-iżvilupp ta' abbozzi ta' emendi tal-Konvenzjoni SOLAS. Huwa qies ukoll l-għażliet imħejjija mill-Grupp Konġunt ta' Esperti tal-OMI/UIT biex tiġi emendata s-SOLAS, filwaqt li qies id-dokumenti fosthom is-sottomissjoni tal-Unjoni għall-NCSR 12, li pprovdew kummenti dwar l-għażliet ippreżentati mill-Grupp Konġunt ta' Esperti tal-OMI/UTI. L-NCSR 12 irrefera l-kwistjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma għal rieżami ulterjuri u għall-finalizzazzjoni tal-emendi tas-SOLAS. L-NCSR 12 qabel mal-abbozz ta' emendi tar-Regolamenti IV/5, V/4 u V/5 tas-SOLAS dwar ir-rekwiżit tat-tixrid ta' Informazzjoni dwar is-Sikurezza Marittima (MSI, Maritime Safety Information) u informazzjoni relatata mat-Tiftix u s-Salvataġġ (SAR, Search and Rescue) permezz tas-servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti operazzjonali kollha (RMSSs, recognized mobile satellite services), u approva l-ġustifikazzjoni għas-sottomissjoni tal-abbozzi ta' emendi msemmija hawn fuq lill-MSC 110 għall-approvazzjoni, bil-ħsieb li jiġu adottati mill-MSC 111 u jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-NCSR 12 kienet li tappoġġa s-sottomissjoni tal-Unjoni li tipproponi abbozzi ta' emendi tas-SOLAS dwar it-tixrid ta' MSI u ta' informazzjoni relatata mas-SAR permezz tas-servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti operazzjonali kollha.

L-MSC 110 approva l-abbozz ta' emendi tar-regolamenti IV/5, V/4 u V/5 tas-SOLAS dwar ir-rekwiżit tat-tixrid ta' informazzjoni dwar is-sikurezza marittima (MSI) u informazzjoni relatata mas-SAR permezz tas-servizzi mobbli bis-satellita kollha operazzjonali rikonoxxuti mill-Organizzazzjoni għall-użu fis-Sistema Marittima Globali għall-Periklu u s-Sigurtà (GMDSS, Global Maritime Distress and Safety System), bil-ħsieb li jiġu adottati sussegwentement fl-MSC 111. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5063 tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li bl-introduzzjoni ta' servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti ġodda, jeħtieġ li tiddikjara b'mod ċar ir-rekwiżit tat-tixrid ta' informazzjoni dwar is-sikurezza marittima u informazzjoni relatata mat-tiftix u s-salvataġġ permezz tas-servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti operazzjonali kollha.

### 4.2. Emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011

Is-Sottokumitat dwar id-Disinn u l-Kostruzzjoni tal-Bastimenti (SDC, Ship Design and Construction) fl-10 sessjoni tiegħu (SDC 10) iddiskuta l-emendi kkunsidrati tal-Kodiċi ESP tal-2011 u qabel li jenħtieġ ssir ħidma fis-sessjonijiet fi grupp ta' korrispondenza li jenħtieġ jingħata l-kompitu li jqis il-proposta għal emendi tal-Kodiċi ESP. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SDC 10 kienet li tipproponi li l-emendi proposti tal-Kodiċi ESP jew jiġu diskussi minn grupp ta' korrispondenza jew jiġu differiti għal grupp ta' ħidma li għandu jiġi stabbilit fl-SDC 11.

L-SDC 11 ikkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Korrispondenza dwar l-Emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011 biex jiġi permess l-użu ta' tekniki ta' spezzjoni mill-bogħod (RIT, remote inspection techniques) u rrefera l-kwistjoni lil Grupp ta' Ħidma. Wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma, l-SDC 11 approva l-abbozz ta' emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011 biex jinkorpora RIT, bil-għan li jiġu approvati fl-MSC 110 u adottati sussegwentement fl-MSC 111. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SDC 11 kienet li tappoġġa r-rapport tal-grupp ta' korrispondenza dwar l-użu ta' tekniki ta' spezzjoni mill-bogħod u r-riferiment tiegħu lil grupp ta' ħidma.

L-MSC 110 approva l-abbozz ta' emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011, biex jiġi permess l-użu ta' RIT, bil-għan li jiġu adottati fl-MSC 111 u jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2028. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5063 tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li dawn it-tekniki joffru effiċjenza, flessibbiltà u affidabbiltà akbar fl-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni ta' kuljum mingħajr ma jxekklu r-riżultat ta' dawk il-kontrolli.

## **4.3.** Emendi tal-Kodiċi LSA

Is-Sottokumitat dwar is-Sistemi u t-Tagħmir tal-Bastimenti (SSE, Ship Systems and Equipment) fl-10 sessjoni tiegħu (SSE 10) qabel, fil-prinċipju, li jabbozza emendi tal-Kodiċi LSA dwar ir-rekwiżiti tat-test tad-disinn u tal-prototip għall-arranġamenti użati fl-ittestjar operazzjonali tas-sistemi ta' rilaxx tad-dgħajjes tas-sopravivenza li jaqgħu waħedhom mingħajr varar, bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati mill-SSE 11 u ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Korrispondenza tal-LSA biex jiffinalizza l-abbozz ta' emendi. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SSE 10 kienet li tappoġġa li d-diskussjoni tiġi rriferuta lill-Grupp ta' Ħidma.

Wara li approva l-ħidma tal-Grupp ta' Korrispondenza, l-SSE 11 qies l-abbozz ta' emendi u ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma biex jiffinalizza dawk l-emendi. L-SSE 10 qabel mal-abbozz ta' emendi tal-Kodiċi LSA, bil-ħsieb li jiġu approvati mill-MSC 110 u adottati mill-MSC 111. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SSE 11 kienet li tappoġġa r-rapport tal-grupp ta' korrispondenza u li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma dwar l-apparat għas-salvataġġ tal-ħajja biex jiffinalizza, f'din is-sessjoni, l-abbozzi ta' emendi tal-Kodiċi LSA.

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' emendi tal-Kodiċi LSA, l-MSC 110 approva l-abbozz ta' emendi, bil-ħsieb li jiġi adottat fl-MSC 111. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5063 tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi peress li se jiffaċilitaw is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar billi jżidu l-fiduċja fit-tħaddim effettiv u effiċjenti tad-dgħajsa tas-salvataġġ li taqa' waħedha f'każ li l-bastiment jiġi abbandunat.

## **4.4.** Emendi tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988

L-MSC 107 approva li jiżdied output ġdid biex jiġi emendat il-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988, sabiex jiddefinixxi r-rekwiżit għat-twaħħil ta' gwardamani ta' protezzjoni fuq l-istruttura tal-gverta biex jiġu minimizzati r-riskji għas-sikurezza. Il-Kumitat approva dan l-output il-ġdid. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 107 kienet li tappoġġa dan l-output il-ġdid.

Għalkemm l-SDC 10 fil-prinċipju qabel mal-abbozz ta' emenda tar-regolament 25 tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988, innota li kienet meħtieġa aktar ħidma għall-finalizzazzjoni u qabel li l-Kumitat jintalab jestendi s-sena tat-tlestija fil-mira tal-output sal-2025 u li l-punt tal-aġenda jinżamm fuq l-aġenda provviżorja tal-SDC 11. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SDC 10 kienet li tappoġġa l-proposta biex jiġi emendat ir-regolament 25 tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988.

L-SDC 11 qabel mal-abbozz ta' emendi tar-regolament 25 tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988 biex jiġu approvati fl-MSC 110 u sussegwentement adottati fl-MSC 111, bid-dħul fis-seħħ mistenni fl-1 ta' Jannar 2028. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-SDC 11 kienet li tappoġġa l-proposta biex jiġi emendat ir-regolament 25 tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988.

L-MSC 110 approva l-abbozz ta' emendi tar-regolament 25 tal-tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988, rigward ir-rekwiżit għat-twaħħil ta' gwardamani ta' protezzjoni fuq l-istruttura tal-gverta, bil-ħsieb li jiġu adottati fl-MSC 111. Dawn l-emendi ġew iċċirkolati mis-Segretarjat tal-OMI permezz tal-Ittra Ċirkolari tal-OMI Nru 5063 tad-29 ta' Settembru 2025.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-MSC 110 kienet li tappoġġa l-abbozz ta' emendi.

L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dawn l-emendi minħabba li twaħħil ta' gwardamani ta' protezzjoni bi tliet livelli fuq l-istruttura tal-gverta jista' jtejjeb b'mod effettiv il-protezzjoni tal-ekwipaġġ, inaqqas ir-riskju li l-ekwipaġġ jaqa' l-baħar u r-riskju ta' korrimenti, u jtejjeb is-sikurezza tal-bastimenti bi spiża ekonomika minima.

## 5. Leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u kompetenza tal-UE

### 5.1. Leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti

#### *5.1.1. Emendi tar-regolamenti 13 u 14 u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL*

Id-Direttiva (UE) 2016/802 għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit f'ċerti fjuwils likwidi[3]. Hija tfittex li tipprevjeni u tikkontrolla t-tniġġis tal-arja kkawżat minn emissjonijiet noċivi li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' fjuwils likwidi b'kontenut għoli ta' kubrit, li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem, lill-ambjent, u li jikkontribwixxu għad-depożitu aċiduż. L-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 kif ukoll l-Anness I jirreferu għar-regoli stabbiliti fl-Anness VI tal-MARPOL dwar il-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwils tal-vapuri u l-emissjonijiet ta' SOx tal-vapuri fl-ilmijiet tal-UE.

Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina[4] tirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksbu jew iżommu "status ambjentali tajjeb" fl-ambjent tal-baħar sal-2020. Status ambjentali tajjeb tfisser "l-istatus ambjentali ta' ilmijiet marini fejn dawn jikkostitwixxu oċeani u ilmijiet ekoloġikament diversi u dinamiċi li jkunu nodfa, b'saħħithom u produttivi fil-kondizzjonijiet intrinsiċi tagħhom, u fejn l-użu tal-ambjent marin huwa f'livell li jkun sostenibbli, u li b'hekk jissalvagwardja l-potenzjal għall-użi u attivitajiet minn ġenerazzjonijiet attwali u futuri" (l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina). Id-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb tirrikjedi, fost l-oħrajn, li l-ewtrofikazzjoni kkawżata mill-bniedem tiġi minimizzata, speċjalment l-effetti negattivi

[3] Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (kodifikazzjoni). ĠU L 132, 21.5.2016, p.58. http://data.europa.eu/eli/dir/2016/802/oj

[4] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19. http://data.europa.eu/eli/dir/2008/56/oj

tagħha, bħat-telf fil-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, il-proliferazzjoni ta' algi dannużi u n-nuqqas ta' ossiġenu fl-ilmijiet tal-qiegħ. It-tnaqqis tal-inputs tan-nitroġenu li joriġinaw mit-trasport marittimu permezz tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Livell III u li jirriżulta mid-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala NECA, se jgħin lill-Istati Membri tal-UE li jmissu ma' dawn l-ibħra biex jiksbu "status ambjentali tajjeb" skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali[5] (riveduta fl-2024) tistabbilixxi, fost l-oħrajn, il-valuri ta' limitu għall-$NO_2$ bl-għan li jkunu evitati, ipprevenuti jew imnaqqsa l-effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent minħabba t-tniġġis tal-arja. Id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali tirrikonoxxi li sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, huwa partikolarment importanti li l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jiġu miġġielda f'ras l-għajn, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jillimitaw l-emissjoni ta' egżost mill-magni ta' diversi sorsi mobbli u stazzjonarji permezz tal-standards tal-magna jew tal-kwalità tal-fjuwil. L-Unjoni stabbiliet diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni li jirregolaw l-emissjonijiet permezz ta' standards tal-magni għal diversi modi ta' trasport bit-triq (karozzi, trakkijiet u vannijiet permezz tal-istandards Ewropej[6]) u sorsi ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq (bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u lokomottivi permezz tad-Direttiva dwar Makkinarju Mobbli mhux tat-Triq)[7].

Għalhekk, l-emendi tar-regolamenti 13 u 14 u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-adozzjoni ta' Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet jistgħu jaffettwaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-Direttiva (UE) 2016/802. Dan għaliex l-istabbiliment ta' Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet fl-Istati Membri tal-UE jaffettwa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li l-Artikolu 6, l-Artikolu 13 u l-Anness I tagħha jirreferu għar-regoli stabbiliti fl-Anness VI tal-MARPOL dwar il-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwils tal-vapuri u l-emissjonijiet ta' SOx tal-vapuri fl-ilmijiet tal-UE.

*5.1.2. Emendi tar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL*

Ir-Regolament (UE) 2015/757 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu[8] (ir-Regolament tal-UE dwar l-MRV) jistabbilixxi l-qafas legali għal sistema tal-UE għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV, monitoring, reporting and verification) tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Ir-Regolament għandu l-għan li jipprovdi data robusta u verifikabbli dwar l-emissjonijiet tal-

[5] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa. ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1. http://data.europa.eu/eli/dir/2008/50/oj

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1. http://data.europa.eu/eli/reg/2007/715/oj
Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1. http://data.europa.eu/eli/reg/2009/595/oj

[7] Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-rekwiżiti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE. ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53. http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1628/oj

[8] Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE. ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55. http://data.europa.eu/eli/reg/2015/757/oj

gassijiet serra, jinforma lil dawk li jfasslu l-politika u jistimula l-adozzjoni fis-suq ta' teknoloġiji u ta' mġiba effiċjenti fl-enerġija. Dan jagħmlu billi jindirizza l-ostakli tas-suq bħan-nuqqas ta' informazzjoni. Ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015. It-titjib tal-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) għall-pubbliku ġenerali u l-introduzzjoni tal-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir għandhom l-għan li jnaqqsu l-intensità tal-karbonju tat-tbaħħir internazzjonali b'mod konsistenti mal-livell ta' ambizzjoni stabbilit fl-Istrateġija tal-OMI dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri. It-titjib tal-konsistenza/tal-kwalità tad-data rrapportata skont id-DCS fid-DCS tal-OMI u l-espansjoni tal-aċċess għad-data għall-pubbliku ġenerali għandhom implikazzjonijiet għall-ġbir u għar-rapportar tad-data dwar il-konsum taż-żejt tal-fjuwil mill-bastimenti, u għalhekk jistgħu jaffettwaw il-monitoraġġ, il-verifika u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir skont ir-Regolament MRV tal-UE.

Il-Liġi tal-UE dwar il-Klima[9] tistabbilixxi miri klimatiċi vinkolanti tal-Unjoni (meta mqabbla mal-1990) ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, b'mill-inqas 55 % sal-2030 u b'90 % sal-2040 (proposta mill-Kummissjoni). Din tinkludi wkoll l-għan tan-newtralità klimatika sal-2050 u għan ta' aspirazzjoni għall-emissjonijiet netti negattivi wara dan iż-żmien.

Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni tal-pakkett *Lesti għall-Mira ta' 55* % biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-leġiżlaturi tal-UE adottaw l-atti legali li ġejjin li jimmiraw speċifikament lejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-tbaħħir:

- ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE dwar is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet[10] (ETS, Emission Trading System) bid-Direttiva (UE) 2023/959[11] biex l-EU ETS tiġi estiża għas-settur tat-trasport marittimu u biex tapplika mill-1 ta' Jannar 2024, (flimkien mal-emendi meħtieġa għar-Regolament MRV tal-UE,[12] biex jiġu riveduti r-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar, anke permezz tar-reviżjoni tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati rilevanti).
- Ir-Regolament (UE) 2023/1805 jagħmel enfasi fuq l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu[13] (ir-

---

[9] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"); ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1. http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj

[10] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj

[11] Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134. http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj

[12] Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali, ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105. http://data.europa.eu/eli/reg/2023/957/oj

[13] Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE. ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48. http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj

Regolament FuelEU Maritime) u jawtorizza li l-użu tagħhom minn bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-UE jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Il-konformità mal-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mill-estensjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għat-trasport marittimu u r-Regolament FuelEU Maritime se tibni fuq is-sistema ta' monitoraġġ, rapportar u verifika stabbilita mir-Regolament tal-UE dwar l-MRV.

Dawn l-atti tal-UE min-naħa tagħhom huma marbuta b'mod qawwi mal-miżuri tal-OMI dwar il-gassijiet serra bħas-Sistema tal-Ġbir tad-Data tal-OMI, l-Indiċi ta' Bastiment Eżistenti għall-Effiċjenza Enerġetika (EEXI, Efficiency Existing Ship Index ), u l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII) li għandhom l-għan li jiġbru u jippubblikaw informazzjoni dwar il-konsum tal-fjuwil u dwar l-effiċjenza enerġetika teknika u operazzjonali tal-vapuri fuq bażi ta' kull vapur.

Kwalunkwe miżura tal-OMI dwar kwistjonijiet ta' gassijiet serra, li se tirrikjedi l-monitoraġġ, il-verifika u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-tbaħħir, tista' taffettwa r-Regolament tal-UE dwar l-MRV kif ukoll id-Direttiva dwar l-EU ETS u r-Regolament FuelEU Maritime.

Għalhekk, l-emendi għar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir jistgħu jaffettwaw b'mod deċiżiv ir-rekwiżiti applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2015/757, ir-Regolament (UE) 2023/1805 u d-Direttiva (UE) 2023/959.

### *5.1.3. Emendi tal-Kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tas-SOLAS u emendi tal-Kodiċi HSC tal-1994 u tal-Kodiċi HSC tal-2000*

L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema Komunitarja għall-monitoraġġ u għall-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti[14] jipprevedi li kull bastiment li jżur xi port ta' Stat Membru jrid ikun mgħammar b'AIS li tissodisfa l-istandards ta' prestazzjoni mfassla mill-OMI.

Ir-Regolament (UE) 2019/1239 jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea[15]. Hemm il-possibbiltà li tintuża VDES għat-trażmissjoni tal-formalitajiet ta' rappurtar meħtieġa mir-Regolament.

It-tagħmir għar-radjukomunikazzjoni huwa elenkat fit-Taqsima 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1533[16]. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fih ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar. Huwa bbażat fuq l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tindika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni kif

---

[14] Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE. ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10. http://data.europa.eu/eli/dir/2002/59/oj

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64. http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1239/oj

[16] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1533 tat-23 ta' Lulju 2025 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u tal-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1975. ĠU L, 2025/1533, 23 ta' Lulju 2025. http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1533/oj

ukoll l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE dwar it-tagħmir tal-baħar[17], f'konformità mal-Artikolu 35(2) tagħha.

L-Artikolu 6(2)(a)(i) tad-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri[18] jipprevedi li l-vapuri tal-passiġġieri ġodda tal-Klassi A involuti fi vjaġġi domestiċi fl-UE għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, kif emendata. Għalhekk, kwalunkwe bidla fir-regolamenti tas-SOLAS taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni stabbiliti fid-Direttiva.

Għalhekk, l-emendi tal-Kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tas-SOLAS u l-emendi tal-Kodiċi HSC tal-1994 u tal-Kodiċi HSC tal-2000 jistgħu jaffettwaw b'mod deċiżiv ir-rekwiżiti applikabbli skont id-Direttiva 2002/59/KE, id-Direttiva 2014/90/UE u d-Direttiva 2009/45/KE.

### *5.1.4. Emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011*

Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed[19] jagħmel obbligatorju l-applikazzjoni tal-Iskema tal-Verifika tal-Kondizzjoni (CAS, Condition Assessment Scheme) tal-OMI għal tankers taż-żejt b'buq wieħed li għandhom aktar minn 15-il sena. Il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt jew il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet (ESP, Enhanced Survey Programme) jispeċifika kif għandha ssir din il-valutazzjoni intensifikata. Peress li l-CAS tuża l-ESP bħala l-għodda biex tilħaq l-għan tagħha, kwalunkwe bidla fl-ispezzjonijiet tal-ESP, bħall-emendi kurrenti sabiex l-istħarriġ jiffoka biss fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna fl-ewwel kontroll tat-tiġdid ta' tankers taż-żejt b'buq doppju, se tkun applikabbli awtomatikament permezz tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.

Għalhekk, l-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt, 2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011) jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.

### *5.1.5. Emendi tal-Kodiċi LSA*

L-istandards għad-dgħajjes tas-sopravivenza u għaċ-ċattri tas-salvataġġ kif ukoll għall-apparat u għall-winċijiet ta' varar huma regolati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1533, fejn isiru referenzi għall-Kodiċi LSA. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fih ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni u l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar. Huwa bbażat fuq l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tindika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti tad-disinn, tal-kostruzzjoni u tal-prestazzjoni kif ukoll l-istandards tal-ittestjar għat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE dwar it-tagħmir tal-baħar, f'konformità mal-Artikolu 35(2) tagħha.

Fid-Direttiva 2009/45/KE dwar ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri, l-Artikolu 6(2)(a)(i) japplika s-SOLAS, kif emendata, kif ukoll il-Kodiċijiet

[17] Id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE. ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146. http://data.europa.eu/eli/dir/2014/90/oj

[18] Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri. ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1. http://data.europa.eu/eli/dir/2009/45/oj

[19] Ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed. ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3. http://data.europa.eu/eli/reg/2012/530/oj

rilevanti, inkluż il-Kodiċi LSA għall-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi A, filwaqt li l-Anness I, il-Kapitolu III, Tagħmir tas-Salvataġġ, jistabbilixxi rekwiżiti varji u estensivi għall-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi B, C u D meta jkunu involuti fi vjaġġi domestiċi, li jikkonċernaw ukoll iċ-ċattri tas-salvataġġ u dgħajjes tas-sopravivenza permezz tal-applikazzjoni tal-Kodiċi LSA.

Għalhekk, l-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (LSA) jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv l-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/90/UE u tad-Direttiva 2009/45/KE.

*5.1.6. Emendi tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988*

It-terminu "konvenzjonijiet internazzjonali" definit fid-Direttiva 2009/45/KE dwar ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri (l-Artikolu 2(a)) jinkludi l-konvenzjoni dwar il-Linji tat-Tagħbija, flimkien mal-protokolli u l-emendi tagħha, u l-kodiċijiet relatati li l-applikazzjoni tagħhom hija obbligatorja, fil-verżjoni aġġornata tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2)(b) ta' dik id-Direttiva jgħid li "il-vapuri tal-passiġġieri ġodda kollha ta' tul ta' 24 metru jew aktar għandhom jikkonformaw mal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1966 dwar il-Linji tat-Tagħbija".

Għalhekk, l-emendi tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988 jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/45/KE.

**5.2.** Kompetenza tal-UE

Is-suġġett tal-atti previsti jikkonċerna oqsma li fil-biċċa l-kbira huma koperti mil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni kif spjegat fit-taqsima 5.1. Għalhekk, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, peress li l-atti previsti jistgħu "[jolqtu] xi regoli komuni jew [ibiddlu] il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom". L-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE li ġejja, u b'mod partikolari:

– id-Direttiva (UE) 2016/802. Dan għaliex l-istabbiliment ta' Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet fl-Istati Membri tal-UE jaffettwa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva peress li l-Artikolu 6, l-Artikolu 13 u l-Anness I tagħha jirreferu għar-regoli stabbiliti fl-Anness VI tal-MARPOL dwar il-kontenut massimu ta' kubrit fil-fjuwils tal-vapuri u l-emissjonijiet ta' SOx tal-vapuri fl-ilmijiet tal-UE.
– ir-Regolament (UE) 2015/757. Dan għaliex jistabbilixxi l-qafas legali għal sistema tal-UE għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika (MRV) tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-konformità mal-obbligi l-ġodda li jirriżultaw mill-estensjoni tal-EU ETS għat-trasport marittimu u r-Regolament FuelEU Maritime se tibni fuq is-sistema ta' monitoraġġ, rapportar u verifika stabbilita mir-Regolament tal-UE dwar l-MRV.
– id-Direttiva 2003/87/KE riveduta bid-Direttiva (UE) 2023/959 biex testendi l-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu. Dan għaliex din hija marbuta ħafna mal-miżuri tal-OMI dwar il-gassijiet serra bħas-Sistema tal-Ġbir tad-Data tal-OMI, l-Indiċi ta' Bastiment Eżistenti għall-Effiċjenza Enerġetika (EEXI), u l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII) li għandu l-għan li jiġbor u jippubblika informazzjoni dwar l-effiċjenza enerġetika teknika u operazzjonali tal-bastimenti fuq bażi ta' kull bastiment.
– ir-Regolament (UE) 2023/1805. Dan għaliex dan huwa marbuta ħafna mal-miżuri tal-OMI dwar il-gassijiet serra bħas-Sistema tal-Ġbir tad-Data tal-OMI, l-Indiċi ta' Bastiment Eżistenti għall-Effiċjenza Enerġetika (EEXI), u l-Indikatur tal-Intensità tal-Karbonju (CII) li għandu l-għan li jiġbor u jippubblika informazzjoni dwar l-

effiċjenza enerġetika teknika u operazzjonali tal-bastimenti fuq bażi ta' kull bastiment.

- id-Direttiva 2002/59/KE. Dan minħabba li l-Artikolu 6 tagħha jipprevedi li kwalunkwe bastiment li jżur port ta' Stat Membru jrid ikun mgħammar b'AIS li tissodisfa l-istandards ta' prestazzjoni mfassla mill-OMI.
- ir-Regolament (UE) 2019/1239. Dan minħabba li hemm il-possibbiltà li tintuża VDES għat-trażmissjoni tal-formalitajiet ta' rappurtar meħtieġa mir-Regolament.
- id-Direttiva 2014/90/UE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1533. Dan minħabba li t-tagħmir tar-radjukomunikazzjoni huwa elenkat fit-Taqsima 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-istandards għad-dgħajjes tas-sopravivenza u għaċ-ċattri tas-salvataġġ kif ukoll għall-apparat u għall-winċijiet ta' varar huma regolati mir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fejn isiru referenzi għall-Kodiċi LSA.
- id-Direttiva 2009/45/KE. Dan għaliex l-Artikolu 6(2)(a)(i) jipprevedi li vapuri ġodda tal-passiġġieri tal-Klassi A għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, kif emendata, kif ukoll mal-Kodiċijiet rilevanti, inkluż il-Kodiċi LSA għall-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi A. L-Artikolu 6(4) jipprevedi li meta joperaw fuq vjaġġi domestiċi, l-inġenji tal-baħar tal-passiġġieri b'veloċità għolja għall-passiġġieri, li nbnew jew li kienu soġġetti għal tiswijiet, alterazzjonijiet jew modifikazzjonijiet ta' karattru estensiv, fl-1 ta' Jannar 1996 jew wara dik id-data, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament X/2 u X/3 tal-Konvenzjoni SOLAS tal-1974, li jipprevedu l-applikazzjoni tal-"Kodiċi tal-Inġenji tal-Baħar b'Veloċità Għolja". Fl-Anness I, il-Kapitolu III tagħha, Tagħmir tas-Salvataġġ, jistabbilixxi rekwiżiti varji u estensivi għall-vapuri tal-passiġġieri tal-Klassi B, C u D meta jkunu involuti fi vjaġġi domestiċi, li jikkonċernaw ukoll iċ-ċattri tas-salvataġġ u dgħajjes tas-sopravivenza permezz tal-applikazzjoni tal-Kodiċi LSA. Barra minn hekk, it-terminu "konvenzjonijiet internazzjonali" definit fl-Artikolu 2(a) jinkludi l-konvenzjoni dwar il-Linji tat-Tagħbija, flimkien mal-protokolli u l-emendi tagħha, u l-kodiċijiet relatati li l-applikazzjoni tagħhom hija obbligatorja, fil-verżjoni aġġornata tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2)(b) ta' dik id-Direttiva jgħid li "il-vapuri tal-passiġġieri ġodda kollha ta' tul ta' 24 metru jew aktar għandhom jikkonformaw mal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1966 dwar il-Linji tat-Tagħbija".
- ir-Regolament (UE) Nru 530/2012. Dan minħabba li dan jagħmel obbligatorju l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjoni (CAS) tal-OMI għal tankers taż-żejt b'buq wieħed li għandhom aktar minn 15-il sena. Il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt jew il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet (ESP, Enhanced Survey Programme) jispeċifika kif għandha ssir din il-valutazzjoni intensifikata. Peress li l-CAS tuża l-ESP bħala l-għodda biex tilħaq l-għan tagħha, kwalunkwe bidla fl-ispezzjonijiet tal-ESP, bħall-emendi kurrenti sabiex l-istħarriġ jiffoka biss fuq żoni ta' suspett għall-kejl tal-ħxuna fl-ewwel kontroll tat-tiġdid ta' tankers taż-żejt b'buq doppju, se tkun applikabbli awtomatikament permezz tar-Regolament (UE) Nru 530/2012.

## 6. BAŻI LEGALI

### 6.1. Bażi legali proċedurali

#### *6.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *"l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim.[20]

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni fejn il-ftehim internazzjonali li jistabbilixxi l-korp jipprevedi li d-deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu vinkolanti fuq il-partijiet. Dan huwa l-każ pereżempju meta l-ftehim internazzjonali jagħti lill-korp is-setgħa li jemenda ċerti aspetti tal-ftehim jew tal-annessi tiegħu.

#### *6.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u l-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI huma korpi stabbiliti permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

L-atti previsti li l-MEPC 84 tal-OMI huwa mitlub jadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali peress li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE kif deskritt fit-taqsimiet 5.1 u 5.2 hawn fuq.

L-atti previsti li l-MSC 111 tal-OMI huwa mitlub jadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali peress li jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE kif deskritt fit-taqsimiet 5.1 hawn fuq.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### 6.2. Bażi legali sostantiva

#### *6.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### *6.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mat-trasport marittimu anke jekk uħud mill-emendi previsti jikkonċernaw aspetti ambjentali. Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

---

[20] Il-Kawża C-399/12 Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), ECLI:EU:C:2014:2258, il-punt 64.

### 6.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2026/0073 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali matul l-84 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) u matul il-111-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima dwar l-adozzjoni ta' emendi tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 1994, (il-Kodiċi HSC tal-1994), tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 2000, (il-Kodiċi HSC tal-2000), tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA), u tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1958.

(2) L-OMI hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti responsabbli għas-sikurezza u għas-sigurtà tat-tbaħħir u għall-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar u tal-arja mill-vapuri. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma membri tal-OMI. L-Unjoni mhijiex membru tal-OMI.

(3) Skont l-Artikolu 38(a) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC, Marine Environment Protection Committee) iwettaq tali funzjonijiet li huma kkonferiti jew li jistgħu jiġu kkonferiti lill-OMI permezz jew skont konvenzjonijiet internazzjonali għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis tal-baħar mill-vapuri, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni u l-emendar ta' regolamenti jew ta' dispożizzjonijiet oħrajn. Matul l-84 sessjoni tiegħu, il-MEPC se jadotta emendi tal-Konvenzjoni MARPOL, f'konformità mal-Artikolu 16, il-paragrafu (2), is-subpunti (b), (c) u (d).

(4) Skont l-Artikolu 28(b) tal-Konvenzjoni dwar l-OMI, il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima jipprovdi mekkaniżmi għat-twettiq ta' kwalunkwe dmir assenjat lilu f'konformità ma' dik il-Konvenzjoni, mill-Assemblea tal-OMI jew mill-Kunsill tal-OMI, jew ta' kwalunkwe dmir fl-ambitu ta' dak l-Artikolu li jista' jiġi assenjat lill-Kumitat tas-Sikurezza Marittima skont kwalunkwe strument internazzjonali ieħor, u

aċċettat mill-OMI. Waqt il-111-il sessjoni tiegħu l-MSC se jadotta emendi f'konformità mal-Artikolu VIII(b)(iv) tal-Konvenzjoni SOLAS u mal-Artikolu VI(2)(d) tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988.

(5) Il-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI, fl-84 sessjoni tiegħu mis-27 ta' April sal-1 ta' Mejju 2026, għandu jadotta emendi tal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (MARPOL) dwar id-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet ġdida (ir-regolamenti 13 u 14 u l-Appendiċi VII), dwar l-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir (ir-regolamenti 20, 25, 27 u 28).

(6) Il-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, fil-111-il sessjoni tiegħu mit-13 sat-22 ta' Mejju 2026, għandu jadotta emendi tal-Kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 1994, (il-Kodiċi HSC tal-1994), tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja, 2000, (il-Kodiċi HSC tal-2000), tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011), tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA), u għall-Anness B tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988).

(7) L-atti previsti tal-MEPC u tal-MSC se jkollhom effetti legali.

(8) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul l-MEPC 84, peress li l-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/802 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi[1], ir-Regolament (UE) 2015/757 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu[2], id-Direttiva (UE) 2023/959 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni[3], ir-Regolament (UE) 2023/1805 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu[4].

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-emendi tar-regolamenti 13 u 14, u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL, minħabba li dawn se jikkontribwixxu għall-prevenzjoni, għat-tnaqqis u għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' inkwinanti mill-bastimenti, sabiex jinkisbu l-benefiċċji relatati għas-saħħa, għall-ambjent u għall-ekonomija.

(10) L-Unjoni għandha tappoġġa wkoll dawn l-emendi għar-regolament 27 tal-Anness VI tal-MARPOL, minħabba li se jkomplu jtejbu l-aċċessibbiltà tad-data tad-DCS tal-OMI biex jiżguraw l-implimentazzjoni robusta tal-qafas tas-CII u biex jiffaċilitaw ir-rieżami tiegħu.

---

1 ĠU L 132, 21.5.2016, p. 58
2 ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55
3 ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134
4 ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48

(11) L-Unjoni għandha tappoġġa l-emendi għar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL, minħabba li huma konsegwenzjali għall-adozzjoni tal-Istrateġija tal-OMI għall-gassijiet serra tal-2023 u għall-finalizzazzjoni tar-rieżami tal-Miżuri fuq Terminu Qasir mill-OMI u jippermettu rieżami ulterjuri ta' dawn ir-regolamenti.

(12) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni matul l-MSC 111, peress li l-atti previsti jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/45/KE dwar ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri[5], id-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema Komunitarja għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti[6], ir-Regolament (UE) Nru 530/2012, dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed[7] u d-Direttiva 2014/90/UE dwar tagħmir tal-baħar[8].

(13) Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi tal-Kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tas-SOLAS, tal-Kodiċi HSC tal-1994 u tal-Kodiċi HSC tal-2000 minħabba li huwa aktar effiċjenti li jintużaw mezzi ddedikati għall-messaġġ speċifiku għall-applikazzjoni (ASM, application specific message) tal-VDES u l-VDES għandha kapaċità addizzjonali għall-iskambju ta' aktar data diġitali u għalhekk, tista' takkomoda ż-żieda futura fid-domanda għall-użu ta' data diġitali fir-radjukomunikazzjoni marittima. Barra minn hekk, l-iskambju ta' data diġitali jġib bosta benefiċċji mhux biss għas-sikurezza u l-għarfien tas-sitwazzjoni iżda wkoll għas-sigurtà, l-effiċjenza tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u t-tnaqqis tal-piż tal-baħħara. Il-VDES tipprovdi titjib sinifikanti għall-benefiċċji miksuba permezz tal-AIS u hija meqjusa faċilitatur tan-navigazzjoni elettronika. Il-kapaċità ta' skambju ta' ASM u informazzjoni oħra bejn il-bastimenti u l-awtoritajiet tax-xatt titjieb b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni ta' VDES. L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa wkoll dawn l-emendi minħabba li bl-introduzzjoni ta' servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti ġodda, jeħtieġ li tiddikjara b'mod ċar ir-rekwiżit tat-tixrid ta' informazzjoni dwar is-sikurezza marittima u informazzjoni relatata mat-tiftix u s-salvataġġ permezz tas-servizzi mobbli bis-satellita rikonoxxuti operazzjonali kollha.

(14) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi tal-Kodiċi ESP tal-2011 minħabba li dawn it-tekniki joffru effiċjenza, flessibbiltà u affidabbiltà akbar fl-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni ta' kuljum mingħajr ma jxekklu r-riżultat ta' dawk il-kontrolli.

(15) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi tal-Kodiċi LSA peress li se jiffaċilitaw is-sikurezza tal-ħajja fuq il-baħar billi jżidu l-fiduċja fit-tħaddim effettiv u effiċjenti tad-dgħajsa tas-salvataġġ li taqa' waħedha f'każ li l-bastiment jiġi abbandunat.

(16) L-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-emendi tal-Protokoll dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1988 minħabba li t-twaħħil ta' gwardamani ta' protezzjoni bi tliet livelli fuq l-istruttura tal-gverta jista' jtejjeb b'mod effettiv il-protezzjoni tal-ekwipaġġ, inaqqas ir-riskju li l-ekwipaġġ jaqa' l-baħar u r-riskju ta' korrimenti, u jtejjeb is-sikurezza tal-bastimenti bi spiża ekonomika minima.

(17) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-OMI, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

---

[5] ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1
[6] ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10
[7] ĠU L 172, 30.6.2012, p. 3
[8] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-84 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti, għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi ta':

(a) tar-regolamenti 13 u 14 u tal-Appendiċi VII tal-Anness VI tal-MARPOL dwar id-deżinjazzjoni tal-Atlantiku tal-Grigal bħala Żona ta' Kontroll tal-Emissjonijiet ġdida (ECA, Emission Control Area),

(b) tar-regolamenti 20, 25, 27 u 28 tal-Anness VI tal-MARPOL dwar l-aċċessibbiltà tal-Bażi tad-Data tal-OMI dwar il-Konsum taż-Żejt tal-Fjuwil mill-Bastimenti (DCS tal-OMI) u l-klawżola ta' rieżami tal-miżura ta' tnaqqis tal-gassijiet serra fuq terminu qasir.

*Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-111-il sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("OMI") jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti, għandha tkun li taqbel mal-adozzjoni tal-emendi ta':

(a) tal-kapitoli IV u V u tal-appendiċi (Ċertifikati) tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974,

(b) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-1994 (HSC, High-Speed Craft) (il-Kodiċi HSC tal-1994),

(c) tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Inġenji ta' Veloċità Għolja tal-2000 (il-Kodiċi HSC tal-2000),

(d) tal-Kodiċi Internazzjonali dwar il-Programm Imtejjeb ta' Spezzjonijiet waqt il-Kontrolli ta' Bastimenti ta' Tagħbija bl-Ingrossa u Tankers taż-Żejt tal-2011 (il-Kodiċi ESP tal-2011),

(e) tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Apparat għas-Salvataġġ tal-Ħajja (il-Kodiċi LSA, Life-Saving Appliance),

(f) tal-Anness B tal-Protokoll tal-1988 relatat mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tal-1966 (Protokoll tal-Linji tat-Tagħbija tal-1988).

*Artikolu 3*

(g) Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tal-Protezzjoni Ambjentali tal-Baħar tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

(h) Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-OMI, li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*